



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 57/26

Il-Lussemburgu, 16 ta' April 2026

Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fil-Kawża C-555/24 P | Medel *et vs* Il-Kunsill

L-Avukata Ġenerali Ċapeta: I-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-imħallfin għandhom il-kapaċità li jippreżentaw rikorsi għal annullament kontra d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-istadji importanti tas-sistema ġudizzjarja għall-Polonja taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-UE

Erba' assoċjazzjonijiet¹ li jirrappreżentaw l-imħallfin ippreżentaw rikorsi għal annullament kontra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Polonja taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Dawk l-assoċjazzjonijiet jikkunsidraw li l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-fondi, li tlieta minnhom kienu jirrigwardaw is-sistema ġudizzjarja Pollakka (l-istadji importanti F1G, F2G u F3G), huma inkonsistenti mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi tal-Kunsill skont dan id-dritt.

B'digriet tal-4 ta' Ġunju 2024, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi bħala inammissibbli². Hija ddeċidiet li l-assoċjazzjonijiet ma kellhomx *locus standi*, peress li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet ta' natura ta' kundizzjonalità baġitarja u ma kinitx tikkonċerna direttament lall-imħallfin, lill-membri ta' dawn l-assoċjazzjonijiet u lanqas lill-assoċjazzjonijiet li jaġixxu f'isimhom stess.

Fil-konklużjonijiet tagħha ppreżentati llum, **I-Avukata Ġenerali Tamara Ċapeta tipproponi l-annullament tad-digriet u r-rinviju tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq il-mertu.**

L-istadji importanti F2G u F3G imponew obbligu speċifiku fuq il-Polonja biex tintroduċi proċeduri ta' reviżjoni tas-sanzjonijiet dixiplinari imposti fuq l-imħallfin mill-Awla Dixiplinari tal-Qorti Suprema Pollakka. L-Avukata Ġenerali tikkunsidra li **I-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkonkludiet li dawk l-istadji importanti ma jikkonċernawx direttament lill-imħallfin Pollakki affettwati minn dawk id-deċiżjonijiet dixiplinari.** Barra minn hekk, il-possibbiltà li l-Polonja ma timplimentax dawn l-istadji importanti hija purament teoretika. L-Avukata Ġenerali tikkonkludi għalhekk li **r-rikorsi ppreżentati f'isem dawn l-imħallfin ma kellhomx jiġu miċħuda bħala inammissibbli.** Mill-banda l-oħra, hija taqbel mal-Qorti Ġenerali li dawn l-istadji importanti ma jikkonċernawx direttament lill-imħallfin Pollakki l-oħra li ma kinux suġġetti għal sanzjonijiet dixiplinari.

L-istadju importanti F1G kien jirrikjedi ċerti riformi intiżi li jissaħħu l-indipendenza tal-ġudikatura fil-Polonja. L-Avukata Ġenerali tqis li l-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet li l-allegata insuffiċjenza tar-riformi meħtieġa minn dan l-istadju importanti ma taffettwax direttament is-sitwazzjoni legali tal-imħallfin Pollakki b'mod ġenerali, u lanqas dik tal-imħallfin ta' Stati Membri oħra u tal-Istati taż-ŻEE. L-argumenti invokati f'dan ir-rigward ma kinux suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita rabta diretta bejn l-istadju importanti kontenzjuż u bidla konkreta tas-sitwazzjoni legali tagħhom.

Madankollu, l-Avukata Ġenerali tqis li **I-Qorti Ġenerali ma wegħbitx b'mod suffiċjenti għall-argument li, fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, l-assoċjazzjonijiet jistgħu jikkontestaw atti tal-Unjoni li jaffettwaw l-interessi tagħhom stess.**

Għall-finijiet tar-riżoluzzjoni tal-kwistjoni tal-*locus standi* f'dan il-każ, l-Avukata Ġenerali għalhekk teżamina l-kwistjoni usa' dwar meta assoċjazzjonijiet li jaġixxu f'isimhom stess jistgħu jkunu direttament u individwalment ikkonċernati fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. B'mod partikolari, hija tqis li l-assoċjazzjonijiet għandhom l-interessi tagħhom stess

meta jiddefendu interessi kollettivi li jagħmlu parti mill-identità tagħhom u jmorru lil hinn mis-sempliċi somma tal-interessi individwali tal-membri tagħhom.

F'din il-perspettiva, l-Avukata Ġenerali tissuġġerixxi li **l-interess dirett għandu jinftehem, fil-każ ta' assoċjazzjoni li taġixxi f'isimha stess, bħala li jeżiġi li l-att ikkontestat ikun is-sors dirett tal-effetti fuq l-interessi kollettivi li l-assoċjazzjoni tiddefendi. L-interess individwali għandu, min-naħa tiegħu, jiġi evalwat b'riferiment dwar jekk l-interessi u l-attivitajiet essenzjali tal-assoċjazzjoni jiddistingwuhom minn assoċjazzjonijiet oħra u mill-membri tagħha meta mqabbla mal-att ikkontestat.** Fuq din il-bażi, hija tqis li l-assoċjazzjonijiet inkwistjoni f'din il-kawża, li għandhom l-għan li jippreżervaw l-indipendenza tal-ġudikatura fil-Polonja, għandhom *locus standi* f'isimhom stess sabiex jippreżentaw rikorsi għal annullament kontra l-istadju importanti F1G.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkun għew assenjata lilu. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent b'dew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Appell, limitat għal punti ta' liġi, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, tali appell ma għandux effett sospensiv. Jekk l-appell jintlaqa' u jkun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tirrinviya l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li hija marbuta bid-deċiżjoni mogħtija fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

L-istampi tal-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+ 32) 22 964 106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-erba' assoċjazzjonijiet attivi fid-difiża tal-indipendenza ġudizzjarja huma *Medel - Magistrats européens pour la démocratie et les libertés* (network Ewropew ta' assoċjazzjonijiet tal-Imħallfin li jiddefendu l-indipendenza ġudizzjarja), International Association of Judges (organizzazzjoni globali li tirrappreżenta assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' mħallfin), Association of European Administrative Judges (li tirrappreżenta l-imħallfin amministrattivi madwar l-Ewropa) u *Stichting Rechters voor Rechters* (fondazzjoni li ssostni l-imħallfin li l-indipendenza tagħhom tinsab mhedda).

² [Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ġunju 2024 fil-Kawża magħquda T-530/22 sa T-533/22](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 91/24](#)).